**6 ta' Mejju, 1985**

**Imħallfin:-**

**S.T.O Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist. S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A. LL.D.**

Joseph Azzopardi

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija u l-Ispettur Joseph Psaila

**Rikors Kostituzzjonali - Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Artikolu - Liġi**

*Ir-rikorrent allega ksur tad-drittijiet tiegħu għal-libertà u li ma jkunx assoġġettat għal trattament inuman u degradanti u dan bl-arrest u detenzjoni arbitrarja tiegħu. L-intimati eċċepew in-nullità tar-rikors. Il-Qorti rritjeniet li r-rikors kien jispjega suffiċjentement l-allegata vjolazzjoni li kienet saritlu u li għalhekk ma kien hemm l-ebda nullità.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors fl-ismijiet premessi ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru, 1984 li bih Joseph Azzopardi wara li ppremetta li fl-10 ta' Ottubru, 1984 għall-ħabta tas-2.30 p.m. huwa mar fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija akkompanjat mill-avukat tiegħu fuq talba ta' l-Ispettur Joseph Psaila u li huwa dak il-ħin ġie ordnat jieħu l-karozza tiegħu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija liema ordni huwa obda; u wara li ppremetta li huwa nżamm arrestat u fit-8.30 p.m. ġie interrogat mill-Ispettur Psaila u mistoqsi domandi dwar imġiba tiegħu li bl-ebda mod ma tikkostitwixxi delitt liema interrogatorju dam għal xi ħmistax-il minuta; wara li ppremetta ulterjorment li mis-2.30 p.m. sat-8.30 p.m. huwa ma kellu ebda ħjiel għala l-libertà tiegħu kienet qed tiġi miċħuda u li anki wara li ġie interrogat huwa nżamm arrestat inutilment u ġie rrilaxxat wara erbgħa u għoxrin siegħa oħra mingħajr ma reġa' ġie interrogat;

wara li ppremetta wkoll li inoltre ċ-ċella li fiha huwa nżamm arrestat kienet maħmuġa u nieqsa minn kull iġene umana tant li kienet infestat bin-nemus u minnufih wara l-ħelsien tiegħu mill-arrest kellu jattendi l-Isptar San Luqa biex jirċievi kura medika minħabba l-infezzjoni kkawżata min-nemus; wara li ppremetta li dan jikkostitwixxi arrest arbitrarju kif maħsub fl-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni kif ukoll trattament inuman u degradanti kif maħsub bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni; talab li l-ewwel Onorabbli Qorti jogħġobha (1) issib lill-intimati ħatja ta' ksur tad-drittijiet fondamentali protetti mill-artikoli 35 u 37 tal-Kostituzzjoni; (2) tiddikjara li l-arrest tiegħu jammonta għal arrest arbitrarju u għal trattament inuman u degradanti bi ksur ta' l-artikoli 35 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; (3) tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu kumpens għal tali arrest għat-tenur tas-subinċiż (3) ta' l-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni; u (4) tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi skond kif jidhrilha xierqa sabiex tinforza u tassigura s-seħħ tad-drittijiet tiegħu. Bl-ispejjeż kontra l-intimati jew min minnhom;

Rat ir-risposta tat-23 ta' Novembru, 1984 li biha l-intimati rrispondew li (1) ir-rikors kien irritu stante li ma jsemmix id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li allegatament ġew miksura kif previst fir-regolament 3 (1) tar-Regolamenti tal-Qorti dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali (2) li subordinatment u mingħajr preġudizzju għall-premess ir-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli għalih qabel ma adixxa lil din il-Qorti u għalhekk il-Qorti a tenur ta' l-artikolu 47 (2) tal-Kostituzzjoni għandha tiddeklina li teżerċita s-setgħat fiha vestiti skond id-disposizzjonijiet invokati mir-rikorrent u li (3) subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess ir-rikors huwa frivolu u vessatorju u l-esponenti ma kisru ebda dritt fondamentali tar-rikorrent; salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat *id-digriet ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tat-23 ta'* Novembru, 1984 li bih wara li semgħet lill-partijiet fir-rigward ta' l-ewwel paragrafu tar-risposta ta' l-intimat u billi kien jidhrilha li kien aktar opportun li r-rikorrent jispeċifika b'mod iktar indikattiv liema huma d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li allegatament ġew miksura mill-intimati, ordnat illi l-istess rikorrent jagħmel din l-ispeċifika u jekk huwa in grad, anke verbalment fis-seduta;

L-intimati appellanti ħassew ruħhom aggravati b'dan id-digriet u interponew il-preżenti appell quddiem din il-Qorti permess tar-rikors ippreżentat fis-27 ta' Novembru, 1984;

Permezz tar-rikors ta' l-appell tagħhom, l-intimati appellanti qed jitolbu li din il-Qorti jogħġobha tirriforma u timmodifika d-deċiżjoni appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha li kien aktar opportun li r-rikorrent jispeċifika b'mod aktar indikattiv liema huma d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li allegatament ġew miksura mill-intimati appellanti u ordnat lir-rikorrent jagħmel din l-ispeċifika u tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Onorabbli Qorti awtorizzat li r-rikorrent appellat jagħmel l-ispeċifika msemmija verbalment u minflok tordna lir-rikorrent jippreżenta nota li jkun fiha l-partikolaritajiet meħtieġa bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent;

Rat ir-risposta ta' l-appellat preżentata fis-7 ta' Jannar, 1985 li biha għar-raġunijiet hemm esposti issottometta illi d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma;

Rat l-atti kollha li huma rilevanti u opportuni għall-appell odjern;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fl-istess termini tar-rikors ta' l-appell l-aggravju ta' l-appellanti huwa s-segwenti:

1. "L-ewwel Qorti aċċettat is-sottomissjoni ta' l-intimat li r-rikorrent naqas milli jsemmi d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li allegatament ġew miksura kif previst fir-regolament 3 (1) tar-Regolamenti tal-Qorti dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali. Skond is-subinċiż (3) tar-regolament imsemmi l-ewwel Qorti kellha għalhekk tordna lir-rikorrent jippreżenta f'dak iż-żmien li tistabilixxi "nota li jkun fiha l-partikolaritajiet meħtieġa u l-ispejjeż ta' dak l-ordni li għandu jbatihom ir-rikorrent". Minflok l-ewwel Qorti ordnat li l-istess rikorrent li jagħmel dan "anke **verbalment** fis-seduta". Dak li ordnat l-ewwel Qorti għalhekk ma hux skond il-liġi;"

2. Inoltre, il-partikolaritajiet li jsemmi r-regolamenti 3 (1) (3) tar-Regolamenti tal-Qorti ta' l-1964 dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali, apparti li jridu jingħataw b'nota, ma jistgħux jingħataw bil-mod ġeneriku kif għamel verbalment ir-rikorrent fil-verbal tiegħu tat-23 ta' Novembru, 1984 stante li kull disposizzjoni tal-Kostituzzjoni allegatament miksura trid tiġi indikata b'mod speċifiku u preċiż. Dan hu dak li jirrikjedi r-regolament imsemmi. Il-Qorti ma hix qiegħda hemm biex tagħmel inkjesta u wara tiddeċidi x'disposizzjonijiet kostituzzjonali setgħu ġew miksura iżda spetta għar-rikorrent li jindika bi preċiżjoni d-disposizzjonijiet li huwa jippretendi li ġew miksura. Wara kollox l-intimati għandhom ikun jafu ta' x'hiex qegħdin jiġu akkużati li huma ħatja altrimenti ma jkunux

f'qagħda li jiddenfendu ruħhom;"

L-argumenti ta' l-appellant in risposta għal dan l-aggravju huma kkontenuti fir-risposta formali tiegħu u essenzjalment huma s-segwenti:

1. Iż-żieda, permezz ta' nota, ta' ċerti dettalji li jkunu ġew *imħollija barra (ai termini ta' l-Avviż Legali 48 ta' l-1964) issir* biss fl-eventwalità li jkunu tħallew barra -

a) il-fatti li dwarhom qed jilmenta r-rikorrent, jew

b) id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni allegatament miksura, jew

ċ) ir-rimedju li jippretendi r-rikorrent;

2. L-ebda waħda minn dawn id-dettalji ma tħalliet barra mir-rikors;

3. Inoltre, "disposizzjoni" tfisser "artikolu" mhux "subinċiż";

4. Fil-każ odjern ir-rikorrent iddikjara illi huwa qed jallega ksur tal-parti dispositiva ta' l-artikolu 35 sħiħ u l-artikolu 37 sħiħ u din id-dikjarazzjoni mhux tali li tirrikjedi nota;

5. Il-fatt li l-Avviż Legali jgħid li r-rekwiżiti li jitħallew barra għandhom jiżdiedu b'nota, ma jfissirx illi kull kjarifika għandha ssir b'nota;

6. Ir-rikors ta' l-appell ta' l-intimati ma jirriflettix il-flessibilità li jrid l-Avviż Legali 48 ta' l-1964 li ma jirrikjedi xejn "*ad validitatem*";

Ikkunsidrat:

Illi l-appell ta' l-intimati huwa essenzjalment ibbażat fuq żewġ presunzjonijiet;

L-ewwel presunzjoni hija li l-ewwel Onorabbli Qorti aċċettat is-sottomissjoni tagħhom illi r-rikorrent naqas milli jsemmi d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li allegatament ġew miksura kif previst fir-Regolament 3 (1) ta' l-Avviż Legali 48 ta' l-1964;

It-tieni presunzjoni hija li l-ewwel Onorabbli Qorti meta tat il-provvediment li minnu l-appell preżenti kienet qed tagħmel dan fit-termini tar-Regolament 3 (3) ta' l-Avviż Legali msemmi, tant li t-teżi ta' l-appellanti hi fis-sens li dan ir-regolament ma ġiex osservat sewwa;

Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti wara li qieset sewwa dak kollu li ġara kemm qabel kif ukoll wara limsemmi provvediment illi kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni presunzjoni li l-appellanti użawhom bħala pedament għall-aggravju ta' l-appell huma infondati;

Effettivament, x'inhu li wassal lill-ewwel Onorabbli Qorti tagħti dik l-Ordni li l-appellanti sejħulu digriet u li minnu sar l-appell odjern?

Jirrizulta mir-rikors promotorju tal-ġudizzju illi wara li r-rikorrent allega li l-aġir ta' l-intimati fil-konfront tiegħu "jikkostitwixxi arrest arbitrarju kif maħsub fl-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll trattament inuman u degradanti kif maħsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni" talab lill-ewwel Qorti biex (1) issib lill-intimati ħatja ta' ksur tad-drittijiet fondamentali

protetti mill-artikolu 35 u 37 tal-Kostituzzjoni; (2) tiddikjara li l-arrest tiegħu jammonta għal arrest arbitrarju u għal trattament *inuman u degradanti bi ksur ta' l-artikolu 35 u 37 tal-*Kostituzzjoni ta' Malta; (3) tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu kumpens għal tali arrest għat-tenur tas-subinċiż (3) ta' l-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni u (4) tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi skond kif jidhrilha xierqa sabiex tinforza u tassikura s-seħħ tad-drittijiet tiegħu;"

Skond l-intimati appellanti però dan kollu ma kienx in osservanza tar-Regolament 3 (1) tar-Regolamenti tal-Qorti ta' l-1964 dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali u dan peress *li r-rikors m jsemmix id-disposizzjonjiet* tal-Kostituzzjoni li allegatament ġew miksura;

It-teżi ta' l-istess intimati appellanti kienet u għadha illi **b'disposizzjoni jew disposizzjonijiet** wieħed għandu jifhem mhux biss l-artikolu izda anki d-diversi partijiet tiegħu separatament;

Effetivament, mir-rikors imsemmi jidher bl-aktar mod ċar illi l-ksur ta' dawn l-artikoli 35 u 37 tal-Kostituzzjoni. B'dan wieħed kien normalment jifhem li kien qed jiġi allegat ksur ta' dawn l-artikoli fl-intier tagħhom. L-intimati, però, dehrilhom illi r-rikorrent mhux hekk ried jgħid jew mhux hekk kellu jagħmel iżda l-ksur allegat kellu jiġi ristrett speċifikament għal wieħed jew aktar mill-paragrafi jew partijiet ta' l-imsemmija artikoli tal-Kostituzzjoni. Dan l-argument ta' l-intimati seta' kien il-każ ta' kjarifikazzjoni u seta' ma kienx. Għall-intimati jidher ukoll li seta' kien każ ta' nullità u dan nonostante li r-Regolament 3 ta' l-Avviż Legali 48 ta' l-1964 jidher li kien proprju intiż biex jiġu evitati nullitajiet formali;

L-intimati appellanti f'termini aktar sempliċi, għalhekk, poġġew in dubju dak li apparentement kien ċar;

F'dan l-istadju l-ewwel Onorabbli Qorti billi dehrilha li kien "aktar opportun li r-rikorrent jispeċifika b'mod aktar indikattiv liema huma d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li allegatament ġew miksura mill-intimati'' ordnat lir-rikorrent jagħmel din l-ispeċifika;

B'liema mod jista' jiġi argumentat minn dan illi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet qed taqbel ma' l-intimati li r-rikors promotorju tal-gudizzju kien difettuż jew karenti sempliċement din il-Qorti ma tistax tifhem u ma tistax tarah. Anzi, pjuttost jidher ċar mill-Ordni msemmi illi dik il-Qorti riedet tpoġġi kollox fil-perspettiv proprju tiegħu u jekk kien każ li r-rikorrent ikkonferma dak li kien ċar biżżejjed diġà jagħmel dan u jekk bħall-intimati kien jidhirlu li hemm bżonn ta' xi kjarifika jgħid dan. Però l-argument li l-ewwel Qorti kienet qed taqbel ma' l-intimati li kien il-każ li jmisshom issemmew biss partijiet mill-artikoli 35 u 37 tal-Kostituzzjoni jew li l-ordni mogħti kien biex isir xi korrezzjoni f'dan is-sens mhux biss jammonta għal argument gratuwitu iżda lanqas mhu kkonfortat minn dak li jirrizulta mill-istess Ordni u mill-istess Regolament iċċitat mill-appellanti;

Bħala aġġunta ta' dan jingħad ukoll illi similment bl-ebda mod ma tista' din il-Qorti taqbel li fl-għoti ta' din l-ordni appellata l-ewwel Qorti kienet qed taġixxi fil-parametri tal-funzjonijiet irriservati lilha mir-Regolament 3 (3) ta' l-Avviż Legali 48 ta' l-1964;

Dan ir-Regolament, infatti, hu tant ċar li ma jħallix dubju

dwar l-infondatezza assoluta ta' l-appell odjer. Il-paragrafu (3) tar-Regolament 3 ta' l-Avviż Legali msemmi infatti jipprovdi għar-rimedju f'każ ta' nuqqas ta' tħaris fir-rikors tal-ħtiġijiet tal-paragrafi (1) u (2) ta' l-istess Regolament 3 u kif ingħad fl-ebda ħin ma ġie aċċettat mill-ewwel Qorti li fir-rikors promotorju tal-ġudizzju kien hemm xi nuqqas ta' tħaris tal-paragrafi (1) u (2) ta' dan ir-Regolament. L-ewwel Qorti sa dan l-istadju ta' l-Ordni appellat kienet biss qed titlob għal informazzjoni li forsi setgħet kieku l-eżitu kien differenti jwasslha biex tapplika l-istess paragrafu (3) tar-Regolament 3 imsemmi però ċertament ma kenitx qed tapplika l-istess Regolament meta tat dak l-Ordni. Dan l-argument hu b'saħħtu biżżejjed biex ireġi waħdu fuq saqajh; b'li ġara wara mbagħad, ċertament ma jibqa' ebda dubju fuq dan, anki jekk strettament li ġara wara m'għandux ikollu valur għall-fini ta' dan l-appell. Però hu ovvju li hawn mhux każ ta' xi "*lapsus*" ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li ma segwietx il-proċedura li kellha ssegwi iżda sempliċement ta' ordni proċedurali li m'għandu x'jaqsam xejn mar-Regolament iċċitat u invokat mill-appellanti u li fih dik il-Qorti kellha flessibilità assoluta ta' diskrezzjoni proċedurali;

Għal dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell interpost mill-*intimati appellanti* billi tiċħad l-istess u konsegwentement tirrespinġi t-talba għar-riforma tad-deċiżjoni appellata li invece qed tiġi kkonfermata. L-ispejjeż ta' dan l-appell jiġu ssopportati mill-intimati appellanti.